ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 1**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

1A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: L-aħħar majnata

"Samira," ċaqlaq ftit xufftejh Abdullah waqt li għamel sforz. "Fejn int Samira? It-tfal, Samira, fejnhom? Fatima, Aħmed fejn intom?"

Ħassu jinħakem minn paniku kbir meta hu, Samira u ż-żewġ uliedhom inqelbu minn fuq id-dgħajsa u bdew jissieltu mal-ilmijiet. F'nofs il-konfużjoni beda jfittex b'ġenn lil bintu ta' tmien xhur li sa ftit qabel kienet f'ħoġor ommha. Kompla jwerżaq isem martu u isem uliedu, iżda t-twerżiqa qawwija tiegħu ma waslet imkien. Għodos fl-ilma u fetaħ għajnejh biex jara jsibhomx imqar fil-qiegħ. Lemaħ ħafna saqajn ġo xulxin, ilkoll jagħtu biex jippruvaw iżommu fil-wiċċ. Ra tfal u kbar jissieltu għall-aħħar nifsijiet taħt l-ilmijiet qattiela. Lil Samira baqa' ma rahiex. Lanqas lil uliedu. Iddisprat, Abdullah ta ħarsa madwaru u tela' f'wiċċ l-ilma jgħajjat, jibki u jolfoq.

✦ ✦ ✦ ✦ ✦ ✦ ✦ ✦

"Nibdew bl-aħbar prinċipali. Ġiet interċettata dgħajsa b'madwar 130 immigrant li kienet tinsab 40 mil nawtiku 'l barra minn Malta. Jidher li d-dgħajsa nqalbet qabel ma waslet il-Patrol Boat biex issalva l-immigranti. Irnexxielhom isalvaw 113-il immigrant... 3 trabi nstabu mgħarrqa."

Giovanna kerrhet wiċċha. Fil-pront daħlet bintha, fil-kċina.

"Reġgħu daħlu, ta!"

"Xiex? Aktar suwed?" irrispondietha.

"Xi 130 oħra semmiet. Ma nafx fejn se nqegħduhom."

"Messhom ħallewhom hemm, taparsi ma rawhomx."

"Iktar jitħajru jiġu la jafu li qed inżommuhom."

"Imlewna, daqt jordmuna."

"Kieku nikkmanda l-pajjiż jien, nibgħathom 'l hemm. Ma nistgħux nibqgħu nċedu għal kollox. Mur fehemhom l-irjus il-kbar. Ħadd mhu kapaċi juri snienu. Imbasta kollhom paroli!"

(silta addattata minn *L-AĦĦAR MAJNATA* ta' Bertram Portelli, 2016)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, x'inhi l-impressjoni tiegħek fuq it-titlu tat-test: L-Aħħar Majnata?

2. Mill-ewwel parti tas-silta, ikkummenta fuq id-drammatiċità li qed jipprova joħloq l-awtur u l-effett tagħha.

3. Fis-silta l-awtur ried joħloq kuntrast bejn żewġ karattri prinċipali: Abdullah u Giovanna. Taħseb li dan il-kuntrast kien effettiv? Ikkummenta.

4. X'messaġġ ried iwassal l-awtur lill-qarrej ta' din is-silta?

5. X'tikkummenta dwar id-djalogu ta' bejn Giovanna u bintha?

1Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

L-Immigrazzjoni: Sfida jew Opportunità?

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.